MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 1372/2003

**Gutenberg Press Limited**

**Vs**

**Oliver Lautier**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm210.00c (mitejn u ghaxar liri Maltin) rapprezentanti xoghol ta’ stampar u servizzi relatati.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li s-sorte thallas fil-mori tal-kawza.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Antoine Naudi li talab li l-kawza tigi deciza fuq il-kap ta’ l-ispejjez u li s-sorte thallas fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici koncernanti l-kap ta’ l-ispejjez tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------